# Qorti tal-Maġistrati (Malta)

## RIK NRU 7/2021: **BTI LIMITED (C15035) V. IL-KUMMISSARJU TAL-PULIZIJA IN RAPPREŻENTANZA TAL-KORP TAL-PULIZIJA**

(TPAĊIJA IPSO JURE – TPAĊIJA ĠUDIZZJALI – TPAĊIJA IMPROPRJA FEJN IL-KREDITI U D-DEBITI RISPETTIVI TAL-PARTIJIET JORIĠINAW MINN RAPPORT UNIKU SINGULARI U MA JKUNUX AWTONOMI MINN XULXIN)

**MAĠISTRAT: DR. VICTOR G. AXIAK**

**6 ta' Marzu 2023**

IL-QORTI,

wara li rat ir-rikors ta' BTI Limited[1] ("il-kumpanija rikorrenti" jew "ir-rikorrenti") intavolat fis-7 ta' Jannar 2021 li permezz tiegħu r-rikorrenti talbet lill-Kummissarju tal-Pulizija ("l-intimat" jew "il-Kummissarju intimat") sabiex jidher fid-data appuntata għas-smiegħ u jgħid 'l għaliex m'għandux jiġi kkundannat mill-Qorti:

**li tħallas l-ammont dovut mill-Korp tal-Pulizija ammontanti għas-somma ta' tmient elef tmien mija sitta u disgħin ewro u wieħed u disgħin ċenteżmu (€ 8, 896.91) rappreżentanti tal-bilanċ pendenti għall-merkanzija debitament mibjugħa u konsenjata lill-Korp tal-Pulizija.**

wara li rat ir-risposta tal-Kummissarju intimat[2] tat-22 ta' Frar 2021 li permezz tagħha eċċepixxa s-segwenti:

---

[1] Fol 1
[2] Fol 4-5

1. Illi l-esponent jecepixxi l-pretensjoniji vantati mis-socjeta' attrici *ossia* l-likwidazzjoni tal-hlas ta' bilanc ta' €8,896.91 relatata ma merkanzija debitament mibjugha li hija allegatament dovuta mill-esponent qed tigi kkontestata *stante* illi tali pretensjoni mhux dovuta, u hija zbaljata fil-fatt u fid-dritt;

2. Illi l-esponent jirrileva illi l-bilanc ta' €8,896.91 msemmija fir-rikors m'huwiex dovut *stante* illi l-*barriers* provduti taht it-tender nru: MHAS/254/2008 gew konsenjati oltre t-terminu stipulat fid-dokument illi jirregola l-imsemmi *tender*. Ir-raguni ghal tali tardivita' fil-konsenja hija attribwibbli lill-BTI Ltd minhabba l-fatt illi l-*barriers* illi kienu ser jigu kkonsenjati fiz-zmien stipulat ma ssodisfawx s-*standard* mitlub u sottolinjat fid-dokument illi jirregola l-imsemmi *tender*. Minhabba din l-inadempjenza kif wkoll inkonvenjenza, l-esponent kellu jistenna terminu addizzjonali ta' sbatax (17) il-gimgha aktar mit-terminu stipulat ghal konsenja. Konsegwentament l-esponent applika *late delivery fee* kif t-*tender document* stess jippermetti f'tali cirkostanzi. Illi dan kollu jista jigi kkonfermat taht gurament minn rapprezentanti tal-esponent;

3. Illi l-esponent jiċħad l-allegazzjonijiet li qed isiru fil-konfront tiegħu u jisħaq li s-socjeta' attrici trid iġib prova ta' dak kollu li qed tiġi allegata minnha;

wara li semgħet it-trattazzjoni finali magħmula għan-nom

- tar-rikorrenti, mill-Avukat Dr. Peter Fenech,
- tal-intimat, mill-Avukat Dr. Miguel De Gabriele,

wara li rat il-bqija tal-atti proċesswali,

qed tagħti din is-

**Sentenza**

1. Il-fatti tal-kawża b'mod kronoloġiku huma kif ġej:

    1. **<u>03/05/2019</u>**:

        i. Il-partijiet daħlu fi ftehim taħt l-intestatura *'Supply of Crowd Control Barriers to the Malta Police Department'* (MHAS Ref No: MHAS/254/2018) u dan wara l-proċess ta' *tender* mirbuħ mir-rikorrenti.[3]

---

[3] Fol 47-48

ii. Il-ftehim oriġinalment kien għall-provvista ta' elf (1,000) *crowd control barriers* lill-*Malta Police Department* ġewwa il-*Quartermaster,* Police GHQ, Floriana entro tnax-il ġimgħa mid-data tal-iffirmar tal-kuntratt (i.e. sas-26 ta' Lulju 2019) u dan għall-prezz ta' €33,510 eskluż il-VAT.

iii. Eventwalment saret *modification* tal-ftehim b'dan illi l-ammont ta' barrikati żdied għal elf u ħames mija (1,500) u l-prezz tela' għal € 59,312.70 (bil-VAT inkluż)[4]

iv. Skond it-*Technical Specifications* il-barrikati kellhom *inter alia* ikunu tal-azzar, galvanizzati u *"with interlocking system that makes it impossible to dismantle the barriers in any way except by starting from one end and working your way to the other."* Inoltre dawn kellhom ikunu: "*similar to the specimen which is available for viewing purposes at the Stores of the Quartermaster, Police General Headquarters, Floriana. Malta and the illustration included in this document. However, should there be a discrepancy between the specimen/illustration and the tender specifications, the latter shalt prevail"*[5]

2. **10/07/2019**:

i. L-ewwel kunsinna ta' 500 barrikati waslet għand il-Pulizija[6]. Skond is-Supretendent Anthony Agius u l-ex-Spettur Chris Harmsworth dawn ma' kienux bħal dawk li kienu ġew ippreżentanti mir-rikorrenti bħala *sample* fil-proċess tat-*tender* u dan senjatament għall-*interlocking system*[7].

ii. Skond il-kumpanija rikorrenti l-prodott konsenjat kien dak li jirriżulta fl-istampi annessi fit-*tender* u mal-kuntratt iffirmat u li ġara

[4] Dok PF2 a fol 100
[5] Fol 74-75
[6] Ara affidavit ta' Vincent Farrugia a fol 16 u affidavit tas-Supretendent Anthony Agius a fol 25
[7] Fol 25 u Fol 40

kien illi wieħed mill-kampjuni li kienu ġew murija mir-rikorrenti lill-Pulizija fil-proċess tat-*tender* kellha sistema ta' kif il-barrikati jaqbdu ma' xulxin li kienet differenti minn dik ta' dawk li ġew kkonsenjati. Pero' skond ir-rikorrenti[8] il-barrikati li ġew konsenjati kienu effettivament skond it-*tender* u l-ftehim.

iii. Skond l-intimat il-barrikati kellhom ikunu skond is-*sample* ippreżentat mir-rikorrenti waqt it-*tendering stage* u dan kien juri li l-barrikati kellhom bħal ganċijiet li ma jħalluhomx jinqalgħu faċilment minn xulxin. Fir-rapport kkummissjonat mill-intimat[9] ingħad illi: *"The locking system of the barriers delivered does not interlock since the hooks are straight and not as per sample submitted ... as illustrated in the pictures hereunder".*[10]

iv. Skond l-Assistent Kummissarju Kenneth Haber (li kien *chairman* tal-bord t'evalwazzjoni) il-problema kienet illi *"il-hook ... fejn taqbad wahda mal-ohra, ma kinitx imdawwra kif sippost. Allura kien jekk xi hadd jaqbad barrier jista jgholliha minghajr, fis-sens jista jiftah, ma kinux ha jservu l-iskop taghhom"*[11]

3. **<u>18/07/2019</u>**:

i. Harmsworth bagħat *email* lil Vincent Farrugia u Anika Bezzina (it-tnejn rappreżentanti l-kumpanija rikorrenti) sabiex jinfurmahom illi: *"in view of the discrepancies between the sample submitted and the five hundred barriers actually consigned, the remaining 1000 barriers are not to be delivered to our end please."*[12]

4. **<u>24/07/2019:</u>**

i. Waslet Malta it-tieni konsenja ta' barrikati (i.e. l-1000 rimanenti).

---

[8] Fol 16
[9] Li tħejja minn Bord intern kompost mill-ex-Spettur Harmsworth, is-Supt. Kenneth Haber u s-Supt. A. Agius
[10] Fol 110
[11] Fol 251 wara
[12] Fol 18

ii. L-Ex-Spettur Harmsworth bagħat *email* oħra lir-rikorrenti u infurmaha illi: *"the delivery of the remaining barriers is to be kept on hold until the issue regarding the discrepancies is settled as indicated in the previous correspondence"*[13]

5. **L-aħħar ġimgħa ta' Lulju – 12/08/2019:**

i. Il-partijiet daħlu f'negozjati u diskussjonijiet dwar dak li kellu jsir. Sadanittant ir-rikorrenti bdiet tinforma lill-Pulizija illi kienet qed tinkorri spejjeż ta' *demurrage* minħabba li t-tieni konsenja ma' kienetx ġie aċċettata. Għalhekk fl-1 ta' Awwissu Anika Bezzina issuġġeriet lil Harmsworth illi: *"you would accept the barriers subject to, that we will not invoice you until you will receive clearance from Ministry"*[14]*.* L-għada stess bagħtet *email* oħra simili.

ii. Fis-6 ta' Awwissu 2019 Harmsworth irrisponda b'*email* u qallha li: *"You are being informed that the crowd control barriers delivered are not up to the required specifications as outlined in the published tender document. Furthermore they are not as per sample submitted during the evaluation period. Therefore the Police Department is* ***not going to accept*** *the already delivered crowd control barriers and any crowd control barriers in transit if they are not as per sample submitted during the evaluation stage".*

iii. Eventwalment u ċioe sitt ijiem wara Vincent Farrugia għar-rikorrenti aċċeetta li għas-spejjeż tar-rikorrenti (u skond hu mingħajr preġudizzju) jikkoreġi l-*interlocking system* lokalment bil-kundizzjoni illi l-garanzija mogħtija mis-*supplier* ma' tibqax tapplika. Skond Farrugia intlaħaq kompromess f'dan is-sens u kien hemm aċċettazzjoni min-naħa tal-Pulizija. Fit-12 ta' Awwissu 2019 Vincent Farrugia bagħat *email* lill-Pulizija bil-kliem: *"we confirm that we will be attempting to adjust the upper side pin at your premises at our own*

[13] Fol 19
[14] Fol 31

*expense. We will be coordinating delivery with our transport company to deliver all shipment at the earliest".*[15]

iv. Skond is-Supt. Agius pero' l-Kummissarju ta' dak iż-żmien kien aċċetta biss illi t-tieni konsenja tidħol b'mod temporanju fil-bitħa tal-Korp u dan mhux għaliex formalment kienu ser jaċċettawhom iżda biss sabiex il-kuntrattur jilħaq jirrettifika l-problema u ma jitilgħux iktar spejjeż.[16]

6. **<u>14/08/2019:</u>**

i. Fl-14 ta' Awwissu 2019 (u skond l-intimat fit-13 ta' Awwissu 2019) l-intimat ħalla lir-rikorrenti ddaħħal il-konsenja fil-bitħa tal-Korp. Skond Vincent Farrugia r-rikorrenti kellha konferma mis-Supt. Agius li l-Korp kien aċċetta l-konsenja u li kien ser iħallas l-ammont totali. Għalhekk skond Farrugia l-kwistjoni għar-rikorrenti kienet ingħalqet hemmhekk.

ii. Mhux tal-istess fehma pero kienu kemm is-Supt. Agius u kemm l-ex-Spettur Harmsworth li lkoll qalu li t-tieni konsenja ġiet aċċettata biss b'mod temporanju sakemm isiru r-rettifikazzjonijiet meħtieġa.

7. **<u>24/10/2019:</u>**

i. Skond l-intimat il-barrikati tlestew f'din id-data u l-Bord tal-Evalwazzjoni spezzjonahom u aċċettahom. Kemm is-Supt. Agius u kemm l-ex-Spettur Harmsworth spjegaw illi peress illi qatt ma seta jiġi kkunsidrat li l-barrikati ġew kkunsenjati fiż-żmien stipulat (i.e. sas-26 ta' Lulju 2019) imma kienu lesti fl-24 ta Ottubru 2019, l-intimat applika l-penali ta' € 8,896.91 għal *late delivery* kif kalkolata mis-sezzjoni tal-*accounts* tal-Korp u għalhekk ħallas lir-rikorrenti s-somma ta' € 50,415.79.

---

[15] Fol 29
[16] Fol 25

ii. F'dan ir-rigward, Karen Galea, rappreżentanta tal-*accounts section* tal-Korp qalet illi ġiet applikata penali ta' 0.005% tal-valur totali għal kull ġurnata minn 117 il-ġurnata ta' dewmien, ekwivalenti għal € 296.56 kull ġurnata u ċioe penali ta' € 34,698. Pero' peress illi l-kuntratt kien jispeċifika *capping* ta' 15% huma applikaw il-massimu possibbli u ċioe penali ta' € 8,896.91[17]

iii. Vincent Farrugia kkonferma illi r-rikorrenti rċeviet il-ħlas b'dik is-somma mnaqqsa[18]. Skond Farrugia dan l-ammont ma kellu qatt jitnaqqas għaliex il-klawżola relattiva tal-ftehim kienet timponi penali biss fil-każ ta' *serious failure to meet contractual obligations.* Inoltre kieku kellu jsir tnaqqis dan kellu jkun penali ta' mhux iżjed minn 10% tal-valur tal-kuntratt u mhux l-ammont ta' 15% li effettivament tnaqqas mill-intimat.

2. Il-Qorti rat mill-atti proċesswali illi l-intimat kellu żewġ kwistjonijiet oħra mar-rikorrenti fir-rigward tal-barrikati in kwistjoni[19] iżda finalment kienet il-kwistjoni tal-*interlocking system* illi wasslet sabiex l-intimat ma' aċċettax il-konsenja sħiħa mill-ewwel u sabiex japplika penali meta aċċetta l-barrikati kollha, bit-tibdiliet li saru mir-rikorrenti, ċirka sbatax-il ġimgħa wara l-iskadenza tat-terminu.

3. Il-Qorti rat ukoll illi wara li sar il-pagament lir-rikorrenti (bil-penali applikata) żviluppat kwistjoni oħra bejn il-partijiet, jew aħjar, il-kwistjoni li kienet ġie sorvolata fil-bidu nett dwar l-iggalvanizzar tal-barrikati reġgħet qamet meta allegatament tfaċċaw xi tbajja tas-sadid (ritratti esebiti a fol 33-39). Din il-kwistjoni wasslet ukoll għal ittra reġistrata min-naħa tas-Supt. Agius lir-rikorrenti[20]. Madanakollu din il-kwistjoni qamet **wara** li l-intimat applika l-penali u t-tnaqqis mill-bilanċ dovut lir-rikorrenti (u l-ittra reġistrata intbagħtet saħansitra wara l-ftuħ tal-kawża odjerna) u għalhekk il-Qorti ma' tistax teħodha in kunsiderazzjoni.

**Kunsiderazzjonijiet ta' natura legali**

---

[17] Fol 249-250
[18] Fol 101
[19] Ara fol 109-110 u fol 25
[20] Fol 103

4. Id-difiża tal-intimat effettivament hija dik illi l-bilanċ pretiż mir-rikorrenti ta' € 8,896.91 mhuwiex dovut għaliex huwa applika *late delivery fee* kif espress fil-ftehim fejn il-partijiet b'dan illi l-bilanċ għalhekk jirrappreżenta l-ammont li l-intimat naqqas bħala penali mis-somma totali dovuta lir-rikorrenti skond il-kuntratt in kwistjoni.

5. Ghalkemm mhux espressament indikat, din l-eċċezzjoni donnha tinvoka t-tpaċija legali u possibilment it-tpaċija ġudizzjali. It-tpaċija ossia' kompensazzjoni legali hija dik li tirriżulta mill-artikoli 1196 u 1197 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta:

> **1196. (1) Meta tnejn min-nies huma debituri lejn xulxin, issir bejniethom tpaċija.**
>
> **(2) It-tpaċija ssir ipso jure, u wkoll mingħajr ma jkunu jafu d-debituri. Hekk kif ikunu jeżistu żewġt idjun fi żmien wieħed, jinqatlu wieħed bl-ieħor sa fejn ikunu ndaqs.**
>
> **1197. (1) It-tpaċija ssir biss bejn żewġt idjun li jkollhom it-tnejn bħala oġġett somma ta' flus, jew kwantità determinata ta' ħwejjeġ funġibbli tal-istess speċi, u li jkunu t-tnejn likwidi u li jistgħu jintalbu.**
>
> **(2) Id-dejn hu likwidu meta hu ċert ukoll f'dik li hija kwantità.**

6. Kif ingħad fis-sentenza fl-ismijiet: **<u>Howard Whitton et. v. June Laferla</u>** (Rik Nru. 967/08 TA, 07/07/2017):

> *"12. Illi t-tpacija tista' titqies bala hlas reciproku li jitfi z-zewg obbligazzjonijiet (jekk ikunu ndaqs) fl-istess waqt. Jekk kreditu wiehed ikun akbar mill-iehor, it-tpacija ssehh sal-ammont tal-anqas wiehed u l-obbligazzjoni tibqa' skond kemm l-akbar kreditu jkun jisboq 'il dak li jkun icken.*
>
> *13. Illi l-ligi taghna taghraf zewg ghamliet ta' tpacija: dik ex lege u dik konvenzjonali, li ma toqghodx ghar-regoli tal-ewwel forma, imma tiddependi biss mir-rieda tal-partijiet li jiftehmuha. Biex tista' ssehh it-tpacija jehtieg jintwera li (a) jkun hemm zewgt idjun fl-istess waqt (ukoll jekk mhux tal-istess qies jew valur), (b) li jirreferu ghal tnejn min-nies li huma debitur u kreditur reciprokament ta' xulxin, (c) li jkunu omogenji (jigifieri, jkollhom bhala oggett il-hlas ta' flus jew haga ohra fungibbli); (d) li jkunu likwidi jew jistghu jkunu likwidati bla tahbit kbir u jkunu certi wkoll f'dik li hija kwantita`; u (e) li d-djun ikunu dovuti jew jistghu jintalbu."*

7. Fis-sentenza fl-ismijiet: **Emanuel Balzan v. Francelle Agius** (App. Nru. 76/15 LM, 08/01/2018) il-Qorti kkwotat il-ġurisrpudenza lokali u tenniet is-segwenti:

> *"...fis-sentenza fl-ismijiet Paul Abela noe vs. Paul Laferla noe ġie osservat illi "Il-kompensazzjoni ssir ipso jure u anki mingħajr ma jkunu jafu d-debituri, hekk kif ikunu jeżistu żewġt idjun fi żmien wieħed, jinqatlu wieħed bl-ieħor safejn ikunu ndaqs. Imma l-kompensazzjoni ma tistax tiġi nvokata bħala li operat ruħha ipso jure għar-rigward ta' krediti li ma humiex ammessi mill-parti l-oħra."*
>
> *Il-Qorti tal-Appell fil-kawża fl-ismijiet L-avukat Dr José Herrera noe vs. Victor Tabone noe kkonfermat li m'hemmx tpaċija fejn il-kreditu pretiż mill-konvenut hu kontestat u dwaru jkun hemm provi konfliġġenti, mhuwiex ċert u likwidu u lanqas determinat bħala dovut. Għalhekk f'ċirkostanzi simili ma tistax issir kompensazzjoni permezz ta' eċċezzjoni."*

8. M'hemmx dubbju li f'din il-kawża mhux talli l-kreditu dovut lill-intimat fil-forma ta' penali qiegħed jiġi kkuntestat mir-rikorrenti iżda inoltre din saħansitra qed tikkuntesta l-mod kif ġie applikat u maħdum. Għalhekk tpaċija *ipso jure* ma' jistax jingħad li avverat ruħha f'din il-kawża.

9. Fir-rigward ta' tpaċija ġudizzjali, intqal fis-sentenza fl-ismijiet: **C. Fino & Sons Limited v. Polidano Brothers Limited** (App. Sup 1795/2001/1 VDG JC JF, 28/09/2007):

> *"Din il-Qorti zzid biss li l-gurisprudenza tammetti 'l hekk imsejjha kompensazzjoni gudizzjali li gudikant jirrikorri ghaliha meta l-kreditu oppost mill-konvenut ikun wiehed li jkun jista' facilment jigi likwidat. Meta, ghall-kuntrarju, tali likwidazzjoni ma tistax issir malajr u facilment jew fejn il-kreditu jkun irid jigi likwidat b'gudizzju separat, la tista' issehh l-kompensazzjoni gudizzjali u wisq anqas it-tpacija legali, u dan ghaliex ikunu nieqsa r-rekwiziti msemmija"*

10. Fil-liġi Taljana, l-hekk imsejjħa *compensazione giudiziale* jipprovdi għaliha l-Articolo 1243 tal-Codice Civile li jipprovdi hekk:

> **'La compensazione si verifica solo tra due debiti che hanno per oggetto una somma di danaro o una quantità di cose fungibili dello stesso genere e che sono egualmente liquidi ed esigibili.**
>
> **Se il debito opposto in compensazione non è liquido ma è di facile e pronta liquidazione, il giudice può dichiarare la compensazione per la parte del debito che**

**riconosce esistente, e può anche sospendere la condanna per il credito liquido fino all'accertamento del credito opposto in compensazione.'**

11. Issa fil-kawża *de quo* l-Qorti tqis illi għalkemm il-kreditu mistenni mill-intimat fil-forma ta' penali qed jiġi kkuntestat mir-rikorrenti u għalhekk mhuwiex eżattament "dejn likwidat" kif trid il-liġi, xorta waħda huwa dejn illi l-Qorti tista faċilment tasal għall-likwidazzjoni tiegħu **partikolarment għaliex parti sostanzjali mill-kawża ġiet stradata proprju fuq il-klawsola penali invokata mill-intimat.**

12. L-unika problema li ssib ma' wiċċha l-Qorti hija illi fil-ġurisprudenza, kemm lokali u kemm dik Taljana, jinsab ben assodat illi biex issir tpaċija, legali jew ġudizzjarja, hemm bżonn illi ż-żewġt idjun ikunu awtonomi jew separati minn xulxin. Fis-sentenza fuq ċitata **Howard Whitton et. v. June Laferla** ingħad per eżempju illi:

*"fir-rigward tad-djun li joqtlu 'l xulxin, id-duttrina tishaq li biex issa it-tpacija jehtieg li tintwera l'autonomia dei contrapposti rapporti di credito". Ghalhekk il-ligi trid li jkun hemm zewgt idjun separati, u mhux rapport wiehed li minnu jitnisslu pretensjonijiet reciproci tal-partijiet. Kemm hu hekk, inghad b'awtorita` interpretativa li "La compensazione suppone l'autonomia dei rapporti ai quali i debiti delle parti si riferiscono, con la conseguenza che, quando si tratti invece di un unico rapporto, o di rapporti accessori, la controversia si traduce in un accertamento di dare e avere, e cioe' in una sorta di complesso conteggio, a proposito del quale non puo' parlarsi di compensazione in senso tecnico".*

Fs-sentenza **Nicolette Mahoney pro et. noe v. Jacksons Co. Limited** (Avv. 229/2018 KCX, 31/10/2019) ingħad is-segwenti:

"*Inoltre, ingredjent necessarju ta' l-istitut tal-kompensazzjoni huwa dan. It-tpacija, f'sens guridiku, tippostula l-awtonomija tar-rapporti ghal liema jirreferu l-krediti li jkunu qed jigu kontra-opposti ghal xulxin mill-partijiet u cioè li l-partijiet jehtiegu jirraprezentaw zewg centri ta' interess ekonomici separati u distakkati minn xulxin, fejn l-invertibilità hija karatteristika implicita. L-imsemmija invertibilità tiprospetta li skond l-angolu ta' perspettiva, wiehed mill-partijiet jista' jigi definit kreditur u debitur u, fl-istess waqt, viceversa ghall-parti l-ohra. Ghalhekk, il-kompensazzjoni m'hijiex applikabbli meta il-krediti u d-debiti rispettivi tal-partijiet ghandhom origini minn rapport uniku singolari interkors bejn l-istess partijiet (bhal perezempju r-reciproci krediti ghar-rizarciment ta' hsarat derivanti minn event sinistru uniku prodott minn ghemejjel/azzjonijiet kolpuzi komkomitanti). Fuq dan l-aspett, insibu ritenut mill-Qorti ta' Kassazzjoni Taljana [cass. civ. nru. 5349/2005] illi huwa "necessario che le suddette obbligazioni, quale che sia il rapporto (o i rapporti) da cui esse prendono origine, siano autonome, ovvero non legate da nesso di sinallagmaticità." (cfr. "Commentario Breve al*

> *Codice Civile" ta' GIORGIO CIAN u ALBERTO TRABUCCHI, CEDAM 8a ed., 2007; p.1370). L-istess Qorti estera [cass. civ. nru. 1784/1993] sostniet ukoll illi, "la disciplina della compensazione non è applicabile nelle controversie in cui le parti facciano valere contrapposti crediti derivanti dal medesimo rapporto, anche se uno di essi trovi titolo nella legge e l'altro nel contratto." (ibidem). Skond FRANCESCO GALGANO ("Trattato di Diritto Civile", CEDAM 2009; Vol.II, §20, p.104), "La compensazione presuppone … che i debiti e crediti reciproci ineriscano a rapport giuridici diversi, intercorrenti fra le medesime parti in forza di autonome fonti di obbligazione. Così il credito per il pagamento del prezzo di una vendita si compensa con il credito di restituzione di una somma che il venditore abba dato in mutuo al compratore. Così, se fra una banca e un medesimo cliente esistano separate contratti, i saldi attivi e passivi si compensano. Diverso è il caso in cui pretese attive e passive reciproche si fronteggiano fra le parti di un medesimo contratto, come nel caso in cui al venditore che pretenda il prezzo della cosa venduta il compratore opponga una pretesa di danni basata sui vizi della cosa stessa; o come fra banca e cliente nell'ambito di un medesimo contratto di apertura di credito in conto corrente: qui non c'è compensazione in senso tecnico, ma solo una variazione quantitativa del credito di una parte nei confronti dell'altra."*

13. F'din il-kawża, li kieku jiġu ammessi l-krediti u d-debiti rispettivi tal-partijiet, huwa ċar illi dawn joriġinaw minn rapport uniku singulari bejniethom (ossia' l-kuntratt in kwistjoni) u mhumiex djun separati u awtonomi mhux xulxin. Għalhekk għal din ir-raġuni biss din il-Qorti strettament m'hijiex tenuta tikkunsidra li twettaq tpaċija ġudizzjali bejn il-bilanċ pretiż mir-rikorrenti u l-penali imposta mill-intimat.

14. Madanakollu l-Qorti m'hijiex daqstant konvinta illi din il-vertenza ma' tistax issib soluzzjoni ġudizzjarja alternattiva. Il *Corte di Cassazione Civile* affermat f'diversi sentenzi riċenti fosthom *cass. civ. nru. 27030/2022, 7474/2017* u *23225/2016* illi fejn żewġ krediti/djun ikunu joriġinaw minn rapport kuntrattwali uniku l-ġudikant jista' xorta waħda jipproċedi billi jikkunsidra l-pretensjonijiet opposti sabiex jasal għal bilanċ wieħed dovut lejn parti jew oħra f'dik li fil-liġi Taljana tissejjaħ *compensazione impropria* (b'distinzjoni mill-*compensazione propria*) u li għaliha ma japplikawx ir-restrizzjonijiet proċedurali u sostantivi (per eżempju m'hux neċessarju li tkun eċċepita formalment mill-intimat u tista' ssir mill-Qorti *ex officio)* li japplikaw għat-tpaċija tradizzjonali regolata mill-art. 1241 *et. seq.* tal-Codice Civile. Fis-sentenza *cass. civ. nru. 27030/2022* il-Qorti qalet illi:

> *"Nella fattispecie in esame si è al cospetto di un'ipotesi di compensazione "impropria" o "atecnica". Questa sussiste quando tra due soggetti i rispettivi debiti e crediti hanno origine da un unico rapporto e - diversamente dalla compensazione "propria" di cui agli artt. 1241 ss.*

> *e.e., che presuppone l'autonomia dei rapporti da cui nascono i contrapposti crediti delle parti (i quali si estinguono per quantità corrispondenti fin dal momento in cui vengono a coesistere) - dà luogo a un mero accertamento di dare e avere, con elisione automatica dei rispettivi crediti fino alla reciproca concorrenza. Questa compensazione "impropria", pur potendo generare un risultato analogo a quello della compensazione propria, non è soggetta alla disciplina tipica - sia processuale sia sostanziale – della compensazione regolata dagli artt. 1241 ss. c.c. e il giudice può peraltro procedere all'accertamento contabile del saldo finale delle contrapposte partite senza che siano necessarie l'eccezione di parte o la domanda riconvenzionale"*

15. Il-Qorti tara li fil-każ *de quo* hija tista' u fil-fatt għandha dover illi nonostante illi dan mhuwiex każ ta' tpaċija *ipso jure* jew anke tpaċija ġudizzjali, madanakollu tista' tqis ukoll l-eċċezzjoni prinċipali mressqa mill-intimat ċioe dik illi l-ammont pretiż huwa estint kollu kemm hu mill-penali li l-intimat applika għall-bilanċ dovut lir-rikorrenti. Jekk xejn hija għandha tagħmel hekk sabiex tiżgura l-ekonomija tal-ġudizzju u tevita li vertenza tirrisolvi ruħha f'iżjed minn proċediment ġudizzjarju wieħed.

**Il-klawsola penali**

16. Apparti li r-rikorrenti ma' taqbilx li kellha tiġi applikata penali mill-intimat hija lanqas ma' taqbel illi l-intimat seta' japplika penali f'ammont li jeċċedi l-10% tal-valur totali tal-kuntratt. Mit-trattazzjoni finali ħareġ li r-rikorrenti qed issostni dan abbażi ta' dak li jgħid l-Art. 43 tal-*General Conditions for Supply Contracts v2.2* li jirregolaw il-kuntratt. Dan jipprovdi kif ġej[21]:

> **'Article 43: Administrative and Financial Penalties**
>
> **...**
>
> **43.2 If the Contractor is found to have seriously failed to meet its contractual obligations, it shall incur financial penalties representing 10% of the total value of the contract in question...'**

L-argument tar-rikorrenti għalhekk huwa illi qabel xejn hija ma' kienetx naqset serjament mill-obbligi kuntrattwali tagħha u inoltre l-intimat ma' kellux inaqqas iżjed minn 10% tal-valur totali tal-kuntratt (i.e. € 5,931.27).

[21] Fol 68 wara

17. Min-naħa tiegħu l-intimat jisħaq illi l-klawsola applikabbli hija l-Art. 21 tal-istess *General Conditions for Supply Contracts v2.2* li tgħid hekk[22]:

> **'Article 21: Delays in execution**
>
> **21.1 If the Contractor fails under his own responsibility to deliver any or all of the goods or perform the services within the time limit(s) specified in the contract, the Contracting Authority shall, without formal notice and without prejudice to its other remedies under the contract, be entitled, for every day which shall elapse between the expiry of the contractual period and the actual date of completion, to liquidated damages equal to 5/1000 of the value of the undelivered supplies to a maximum of 15% of the total value of the contract.**
>
> **21.2 If the non-delivery of any of the goods prevents the normal use of the supplies as a whole, the damages provided for in Article 21.1 shall be calculated on the basis of the total contract value.'**

18. Filfatt fix-xhieda tagħha Karen Galea, rappreżentanta tal-*accounts section* tal-Korp qalet illi ġiet applikata penali ta' 0.005% tal-valur totali għal kull ġurnata minn 117 il-ġurnata ta' dewmien, ekwivalenti għal € 296.56 kull ġurnata u ċioe penali ta' € 34,698. Pero' peress illi l-kuntratt kien jispeċifika *capping* ta' 15% huma applikaw il-massimu possibbli u ċioe penali ta' € 8,896.91[23]

19. Il-Qorti tqis illi l-Art. 21 tal-*General Conditions for Supply Contracts v2.2* huwa iżjed speċifiku mill-Art. 43 tal-istess kundizzjonijiet peress illi jirregola b'mod espress id-dewmien fl-eżekuzzjoni tal-obbligazzjonijiet (ossia' dewmien fil-konsenja) mentri l-Art. 43 jittratta l-ksur materjali u serju tal-obbligazzjonijiet b'mod ġenerali li jidħol għalihom l-kuntrattur.

20. Għalhekk hija l-fehma tal-Qorti illi l-intimat huwa korrett li jgħid illi l-klawsola penali applikabbli kienet dik disposta taħt l-Art. 21 tal-kundizzjonijiet ġenerali.

[22] Fol 60
[23] Fol 249-250

21. Jonqos biss issa li l-Qorti tiddetermina jekk l-intimat kienx korrett illi japplika l-penali in kwistjoni għall-bilanċ dovut lir-rikorrenti.

**Is-sistema *interlocking* rikjesta mill-intimat**

22. Kif ġa ngħad, skond it-*Technical Specifications* il-barrikati kellhom *inter alia “with interlocking system that makes it impossible to dismantle the barriers in any way except by starting from one end and working your way to the other.”* Inoltre dawn kellhom ikunu: “*similar to the specimen which is available for viewing purposes at the Stores of the Quartermaster, Police General Headquarters, Floriana. Malta and the illustration included in this document. However, should there be a discrepancy between the specimen/illustration and the tender specifications, the latter shalt prevail”*[24] Għalkemm m’hemmx ritratt tal-*ispecimen* msemmi, fid-dokument hemm din l-illustrazzjoni tat-tip ta’ *interlocking system* rikjesta:



23. Jidher pero’ illi skond l-intimat f’xi żmien waqt il-proċess tal-evalwazzjoni r-rikorrenti ppreżentat żewġ *samples* b’waħda minnhom tkun dik kif tidher hawn taht:




[24] Fol 74-75

24. Fir-rapport minn bord intern kkummissjonat mill-intimat[25] ingħad illi: *"The locking system of the barriers delivered does not interlock since the hooks are straight* (ritratt riprodott hawn isfel) *and not as per sample submitted ..."*[26]



25. Skond l-Assistent Kummissarju Kenneth Haber (li kien *chairman* tal-bord t'evalwazzjoni) il-problema kienet illi *"il-hook ... fejn taqbad wahda mal-ohra, ma kinitx imdawwra kif sippost. Allura kien jekk xi hadd jaqbad barrier jista jgholliha minghajr, fis-sens jista jiftah, ma kinux ha jservu l-iskop taghhom"*[27]

26. Meta xehed in kontroeżami fis-seduta tas-6 ta' Diċembru 2021 is-Supretendent Anthony Agius stqarr illi ma' kien hemm l-ebda diskrepanza bejn is-*sample* pprovdut mill-kumpanija rikorrenti u l-*ispecifications* tat-*tender*:

> *"Qorti: Jigifieri kien differenti dak is-sample mill- ispecifications?*
>
> *Xhud: Le kien perfett, kien jaqbel*
>
> *Qorti: Mela twegiba Dottore hija li sample li provdiet il-kumpanija rikorrenti kienet jaqbel ma` lis-specifications ta` tender. Ma kienx differenti. Hux hekk qed tghid Supretendent?*
>
> *Xhud: Ezatt. U ghandi r-rapport li prezentajt illum.*
>
> *Dr. Peter Fenech: Ara nfakrekx supretendent illi skont it-tender, kienet dritta l-isfel.*

---

[25] Li tħejja minn Bord intern kompost mill-ex-Spettur Harmsworth, is-Supt. Kenneth Haber u s-Supt. A. Agius
[26] Fol 110
[27] Fol 251 wara

*Xhud: Le ta`."*[28]

27. Inoltre l-istess xhud xehed ukoll illi fl-ebda mument ma' ġew mibdula t-*tender specifications*.[29]

28. Minn eżami tal-atti proċesswali u b'mod partikolari tad-dokumenti li jiffurmaw il-kuntratt bejn il-partijiet jirriżulta lill-Qorti illi minn mkien ma jirriżulta l-ħtieġa illi l-*interlocking system* tal-barrikati tkun tinkludi ukoll l-ganċ partikolari (li jdur fil-forma ta' sunnara) rikjest mill-intimat. Filfatt l-*illustration of specimen barrier* provdut mill-intimat innifsu f'*Section 4 – Technical Specifications*[30] (riprodotta iktar 'l fuq) ma turix dan il-ganċ ossia sunnara fil-parti tal-*hooks* tal-barrikata. Dawn il-*hooks* filfatt jidhru dritti 'l isfel u jidhru ddiżinjati b'tali mod illi jkunu jistgħu jidħlu fil-*holqa* tal-parti opposta tal-barrikati.

29. Is-sistema li jidher li xtaq l-intimat kienet waħda li tmur oltre minn dan iżda din m'hijiex riflessa fid-dokumenti tat-*tender*. Filfatt it-*Technical Offer* sottomessa mir-rikorrenti u aċċettata mill-intimat turi b'mod ċar illi l-*hooks* tal-barrikati li kienu ser jiġu suppliti minnha ma' kellhom l-ebda ġanċ fil-forma ta' sunnara.[31]

30. M'huwiex kuntestat illi filfatt waqt il-proċess tal-evalwazzjoni verament ir-rikorrenti kienet ippreżentat xi *samples* lill-intimat fosthom wieħed li kien juri ganċ fit-tarf tal-*hook* u li jidher li għoġob lill-uffiċjali tal-intimat. Madanakollu minn imkien ma' jirriżulta illi l-prodott supplit kellu jkun skond dan is-*sample* jew addirittura skond xi *sample* li kellu jiġi fornut mill-kuntrattur lill-intimat. Huwa minnu illi fil-bidu ta' Awwissu Vincent Farrugia għan-nom tar-rikorrenti pprometta lill-intimat li l-kumpanija kienet ser tipprova a spejjeż tagħha tbiddel il-ganċ tal-barrikati sabiex jiġu skond kif xtaqhom l-intimat u li filfatt irnexxielha tbiddilhom u tikkonsenjahom lill-intimat fl-24 ta' Ottubru 2019. Madanakollu dan ma jfissirx li r-rikorrenti kienet obbligata tagħmel dan skond il-kuntratt u filfatt l-istess Farrugia xehed illi dawn it-tibdiliet saru mingħajr preġudizzju u li l-intimat kien ser jitlef il-garanzija fuqhom b'riżultat tagħhom.

---

[28] Fol 108N
[29] Fol 108M
[30] Fol 74 wara
[31] Fol 87 u 88

31. Il-Qorti tikkunsidra illi f'kuntratti pubbliċi fejn kwalunke *deliverables* u obbligazzjonijiet ikunu elenkati f'ċertu dettal u fejn l-inqas diverġenza tista' twassal għall-iskwalifika tal-offerta qabel l-għoti tal-kuntratt jew għal sospensjoni tal-kuntratt wara li dan ikun ġie iffirmat, m'huwiex loġiku illi l-intimat jistenna illi r-rikorrenti tfornih b'xi ħaġa li tkun skond wieħed mill-kampjuni li tatu iżda differenti mill-*ispecifications* tal-kuntratt. Jekk l-intimat verament xtaq li l-*interlocking system* tkun bħal xi *sample* partikolari huwa kellu jaċċerta ruħu illi l-illustrazzjoni u/jew ritratt ta' dak li xtaq ikun tidher fil-kuntratt innifsu jekk hemm bżonn bis-saħħa ta' modifikazzjoni tal-kuntratt. Mill-bqija r-rikorrenti ma' kellha l-ebda obbligazzjoni illi tforni lill-intimat b'xi ħaġa li tvarja mill-kuntratt innifsu.

**L-imgħax**

32. Għal kull bwon fini l-Qorti qed tiddikjara illi nonostante illi r-rikorrenti m'għamlet l-ebda talba għall-ħlas tal-imgħaxijiet fuq is-somma kapitali, hija sejra tgħaddi biex tikkundanna lill-intimat iħallas ukoll dawn l-imgħaxijiet. F'dan ir-rigward ingħad is-segwenti fis-sentenza mogħtija mil-Qorti tal-Appell (Superjuri) fl-ismijiet: **Constantino Abela v. George Azzopardi** (App. Nru. 380/1987/1 VDG AD AJM):

> *"Ghalkemm huwa minnu illi fl-att ta' citazzjoni ma saritx talba sabiex fuq is-somma ta' Lm1928 pretiza mill-attur jiddekorri l-imghax, ma jistax jinghad illi l-ewwel Qorti ddecidiet extra petita meta ipprovdiet dwar it-2 talba attrici bil-mod segwenti (fol. 254):*
> *"tikkundannah [lill-konvenut] jirrifondi lill-attur din is-somma ta' Lm1,928 bl-imghax mid-data tan-notifika tac-citazzjoni."*
> *Dana qed jinghad in vista ta' dak illi jipprovdi s-subartikolu tnejn (2) ta' l-artikolu 1141 tal-Kodici Civili. Dan l-artikolu shih jiddisponi hekk:*
> *"1141. (1) Jekk l-obbligazzjoni tkun ta' xorta kummercjali jew jekk il-ligi tkun tiddisponi li l-imghaxijiet ghandhom jibdew ighaddu ipso jure, l-imghaxijiet ghandhom ighaddu minn dak in-nhar li l-obbligazzjoni kellha tigi esegwita.*
> *(2) F'kull kaz iehor, l-imghaxijiet ghandhom ighaddu minn dak in-nhar illi ssir sejha ghall-hlas b'att gudizzjarju, ghalkemm fil-ftehim ikun gie stabbilit zmien ghall-esekuzzjoni ta' l-obbligazzjoni."*
> *Ma hemmx dubbju illi l-obbligazzjoni relativa ghat-2 talba attrici ma hijiex wahda ta' natura kummercjali u lil dina l-Qorti ma tirrizultalhiex xi ligi li tiddisponi illi ghall-istess obbligazzjoni "l-imghaxijiet ghandhom jibdew ighaddu ipso jure"; Inoltre, fil-fehma ta' dina l-Qorti, it-2 talba attrici tammonta ghal "sejha ghall-hlas b'att gudizzjarju";*
>
> *A skans ta' ekwivoci, huwa utili illi jinghad illi dina l-Qorti hija ukoll tal-fehma illi l-kliem "sejha ghall-hlas" fic-citat artikolu 1141(2) tal-Kodici Civili jirreferi ghall-hlas tal-kapital u mhux ta' l-*

*imghax fuqu u illi, konsegwentement, meta, bhal fil-kaz odjern, tkun saret it-talba b'att gudizzjarju ghall-hlas tal-kapital, jibda jiddekorri ope legis l-imghax fuq l-istess kapital"*

33. F'dan il-każ l-obbligazzjoni kienet ta' xorta kummerċjali u għalhekk l-imgħax beda jiddekkorri *ipso jure* minn dakinhar li l-obbligazzjoni kellha tiġi eżegwita. Fin-nuqqas ta' prova iktar speċifika f'dan ir-rigward, il-Qorti sejra tqis id-data tar-*remittance advice* ossia l-14 ta' Novembru 2019 (i.e. meta l-intimat effettwa l-ħlasijiet fuq il-kuntratt bit-tnaqqis tal-penali) bħala d-data ta' meta beda jiddekorri l-imgħax kummerċjali.

**Deċiżjoni**

34. **Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qegħda tiddisponi mill-kawża billi tilqa' t-talbiet tal-kumpanija rikorrenti u tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-intimat b'dan illi:**

1. **tiddikjara illi l-intimat huwa debitur tar-rikorrenti fis-somma ta' tmient elef tmien mija sitta u disgħin euro u wieħed u disgħin ċenteżmu (€ 8,896.91) rappreżentanti l-bilanċ pendenti għall-merkanzija debitament mibjugħa u kkonsenjata lill-Korp intimat;**

2. **tikkundanna lill-intimat iħallas din is-somma lir-rikorrenti flimkien mal-imgħaxijiet bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) fis-sena[32] dekoribbli mill-14 ta' Novembru 2019 sad-data tal-effettiv pagament**

**Bl-ispejjeż kontra l-intimat.**

| | |
|---|---|
| V.G. Axiak | Y.M. Pace |
| Maġistrat | Dep. Reġistratur |

[32] Minkejja li l-kuntratt bejn il-partijiet jipprovdi għal rata ta' imgħax li teċċedi t-8% ossia *late payment interest*, fin-nuqqas ta' prova dwar kemm kienet ir-*reference rate* applikabbli fiż-żmien in kwistjoni l-Qorti sejra tapplika r-rata massima ta' 8% fis-sena.